*"Bħal ward sbejjaħ qalbu tfewwaħ sħiħ fl-Imħabba bħan-Nirien..."*

# *In Memoriam* – Neriku Enriquez

## *1934-1996*

**Dr. John A. Agius**

**Nota Editorjali**

Qed nibdew proprju minn din l-edizzjoni partikulari tal-2015, serje ta' profili ta' dawk li nistgħu bla tlaqliq jisejjħu pilastri tas-Soċjetà Mużikali tagħna. L-għażla għal din is-sena waqgħet fuq il-mibki Nerik Enriquez, pijunier u kolonna portanti tal-Kamra tan-Nar ta' Santa Marija. Il-Bord Editorjali għall-edizzjonijiet li ġejjin, ser ikun qed jiddentifika u jirriċerka personaġġi li taw sehem qawwi fil-binja tas-sisien din l-Għaqda, li l-wirt ta' ġid li ħallew warajhom għadhom ħaj u mimli għomor fil-memorji, l-istrutturi u l-Istorja tal-Każin wara l-Festa Titulari. Biex iż-żmien żgur qatt ma jnessi.

L-intervista mal-familja ta' Nerik ma setax jkollha xenografija isbaħ. Ġo bitħa arjuża fil-qalba ta' Sqaq ċkejken imserrep li jaf lil Għarab f'Malta. Taħt id-dell ta' tewmin awrikarji ċentinarji f'lejla fietla ta' nofs Ġunju. Bil-Knisja Parrokkjali, dehbieja f'inżul ix-xemx, bħal struttura ġeblieja manifika li bħal tinbet mix-xejn minn fost ħitan tas-sejjiegħ għolja mibnija b'ħila ta' barra minn hawn. Fwieħa ta' ġiżimin u Stefanotis mdendla fl-arja sħuna. U riġment qtates...

F'din id-dar, u f'din il-bitħa bħal donnu ftit li xejn inbidel minn żmien Nerik. Wieħed jista' jara x'ġmiel kien ir-Raħal meta l-għelieqi kienu jaslu sal-Knisja ġganteska mdawwra djar li bħal jitrekknu magħha, u kważi kull dar kellha bħal maktur ħamrija magħha. Tgħolli għajnejk u tara dik il-Koppla maestuża bħal kuruna fuq ras reġina, b'dawk il-Kampnari b'eleganza li tiddefeniexi epoka sħiħa tarda-Barokka. U mad-dawra qasab jitmewweġ fl-arja, siġar u palm...

Nassumi li dak li kont qed nara jien kien bejn wieħed u ieħor l-istess veduta li kien jgawdi Nerik. Ġanna, l-armla ta' Nerik bħal qratli moħħi għax b'dik id-daħka tagħha qaltli "Jkun sabiħ hux filgħaxija? Imma Nerik tiegħi ftit kellu ħin jgawdieh. Aktar gawda 'l hemm isfel".



*Snin 50. Il-Post tan-Nar l-antik imżejjen għall-Festa*

Hemm isfel għal Ġanna jfisser il-post tan-Nar l-antik, fejn illum insibu l-Kumpless tal-armar tal-istess Soċjetà. Għal Ġanna u uliedha hemm isfel kien qishu t-tieni dar, speċi ta' rifuġju jew dar tal-villeġjatura għall-familja kollha. Ġanna spjegatli li ġieli kienu jinżlu bil-familja kollha tagħhom. Indunajt li Ġanna kienet qed iġġib quddiem għajnejha xeni minn dak iż-żmien.



*Fl-aqwa tiegħu, ferrieħi ġewwa l-għelieqi madwar il-Post tan-Nar l-antik*



Snin 50. Nerik kburi b'ħidmietu

B'dik in-nofs daħka tagħha qaltli "Darba qbadt lit-tfal u tlaqtu. Mort lura għand niesi Ħal Qormi. Għax kont iddejjaqt dejjem nistennieh ġej. U tafx x'qalli? 'Hawn min għandu l-vizzju tal-logħob. Meta trid ejja'!".



Neriku ċkejken ma' missieru

Dak kliemu ħassadha għax ma ġabx l-attenzjoni li xtaqet, iżda bħal fehmet li huma setgħu jsiebu bilanċ. Fehmet li hu hekk kien jaħdem u jiffunzjona. U minn hemm Ġanna għażlet li tfakkar lilha nnifsha bix-xorti tajba li jkollha lil żewġha. U waħħlet f'moħħha li qatt aktar ma tissara mal-passjoni ta' Nerik lejn l-arti tal-piroteknika. Ġanna fehmet li dik il-kilba, jew dik l-ossessjoni li taħkem lil dawn il-qalbiena bħal fjamma li tħeġġeġ u ma tintefiex. Fehmet li inutli tissara miegħu. U Nerik kien ġust, kien ċar fuq x'kienu l-konvinzzjonijiet tiegħu. U lil familtu qatt ma' kien jonqoshom minn xejn. Iżda parti minnu ma kien jaqsamha ma ħadd, parti minn qalbu kienet bħal kamra li fiha lanqas l-aktar egħeżież ma kienu jidħlu fiha. F'dik il-kmajra msakkra f'qalbu kien hemm l-imħabba tiegħu lejn in-Nar li hu kien joħloq għal ġieħ il-Festa tal-Assunta.

Ladarba dak il-katnazz kien ma jinfetaħx, kien allura l-pjan prattiku ta' Ġanna biex tagħmel mezz li jkollha ħin ma' żewġha flimkien m'uliedhom, biex ittaffu mill-fatt li Nerik kien jgħaddi ħinijiet twal imċaħħad minn familtu. "Ġieli konna niġġieldu fuq hekk", qaltli Ġanna. "Konna għadna koppja żgħira, u Nerik kien jaħdem xogħolu filgħodu u filgħaxija dritt għall-Post". Allura hi kienet ġieli tinżel miegħu u toqgħod mat-tfal fl-għelieqi ta' wara traqqa' xi uniformi jew xi biċċa ħwejjeġ, waqt li t-tfal xalata jiġru fil-madwar u kurjużi kultant jittawwlu ftit fil-bitħa fil-qalba tal-kmamar kemm jaraw fhiex wasal missierhom.




Bintu Rita Gravina, membru fil-Kumitat Ċentrali u eks Chairperson tas-Sezzjoni Nisa u waħda minn dawk li f'għomorha qatt ma tilfet Seduta Ġenerali waħda, tbissmet waqt li ġibdet nifs sigarett. "Ma tantx kellna *health and safety* dawk iż-żminijiet!" U ħarget minn album ċkejken ritratt li daqs kemm hu ħelu hu alarmanti. Ritratt tagħha u oħtha l-kbira Marija mgħannqin ma' murtall daqs qartalla, daqs li kieku kien xi *teddy-bear king-size*!

"Żmien ieħor", tenniet.



Nerik ma' bintu



"Min jaf kemm xrobna kafè ġo bottijiet tal-piżelli! Hawn u tajjeb kien jkun ta! Kafè msajjar fuq il-ħatab minn Spiru Paxxieku".

Spiru Scicluna, magħruf bħala Spiru ta' Paxxieku hu l-benefattur li eċċezzjonalment irregala lill-Knisja l-Lampier il-Kbir, għal użu esklussiv tal-Festa ta' Titular, opra straordinarja tas-sengħa maltija fil-fidda. Spiru, pilastru ieħor tal-Każin...



*Ħafi għadu tifel fil-quċċata tal-Kampnar tal-Knisja*

L-istil ta' ħajja ta' Nerik kien sempliċi. Jaħdem għall-familja tiegħu matul il-jum bħala kennies ġewwa l-Gudja, u jaħdem għall-Santa Marija fil-bqija tal-ħin. Kien raġel minn dawk ir-razza rari fejn l-imħabba lejn il-Patruna u lejn il-Festa tagħHa kienet tbaqbaq f'demmu u tissarraf f'ħidma konkreta. Ħidma siekta li tati l-frott, bla paroli u daqq ta' trombi. Lil kull min saqsejt fuq Nerik, l-element tal-bżulija għall-Festa u l-umiltà tiegħu huma dejjem elementi li jittfaċċaw dejjem. Hekk tkellmu fuqhu Mosè Agius, President Onorarju, Ġużi Farrugia u Kelinu Duca, it-tlieta ħbieb sew miegħu u parti mil-qalba tal-Każin ta' dawk iż-żminijiet. Donnu verament ma tantx kellu ċans jgawdi l-kwiet tal-bitħa tiegħu.

"Missieri qatt ma raha lil Santa Marija la ħierġa u lanqas dieħla" stqarret Rita. Biżejjed tisma' verità bħal din biex tifhem u tapprezza x'impenn u x'ċaħda kien jgħix dan il-personaġġ. Nemmen li biss bi frażi bħal din nifhmu mill-liema żonqor jkun maħdem pilastru ta' każin.

"Minn jaf raqad għassa man-nar fl-għelieqi fil-jiem tal-Festa flimkien ma' Ġorġ ta' Majru!"

Ġorġ, minn dejjem koordinatur tal-Kamra tan-Nar, illum ħalliena wkoll. Iben ieħor minn din il-ġenerazzjoni kburija t'ulied l-Assunta. Indubbjament pilastru ieħor tal-Każin tagħna.



*Nerik flimkien ma' Ġorġ ta' Majru*

Il-memorji komplew iggerbu, u magħhom jitlà s-suġġett tal-biża u l-logħba tal-azzard mad-destin kapriċċjuż li miegħu jġib in-nar, bl-isplużjoni traġika tal-15 ta' Frar, 1970 meta taret il-Kamra tan-Nar ta' San Ġużepp u diżgrazzjament tilfu ħajjithom ħames membri. Traġedja li werwret raħal. Rita tiftakar b'mod ċar kristall lin-Nanna paterna tiġri fl-isqaq twerżaq iddisprata wara l-isplużjoni li heżżet raħal, konvinta li kienet messet lil Nerik tagħha. Is-suġġett li titlef lil min tħobb b'diżgrazzja tan-nar hu ħsieb li jkexxkex u dawn in-nies jgħixu minn ċkunithom b'din ir-realtà bħal sempliċi stat ta' fatt. Jafu b'dik il-possibiltà, iżda dik il-biża tmiel quddiem il-bżonn mwieled fl-istonku li taħraq is-sema bi stilel tan-nar. Bħal logħoba tal-bniedem kontra kollox u kontra kulħadd bħal gwerriera li

jissieltu fil-perikli mibgħuta minn allat kapriċċjużi fir-rakkonti mitoloġija Griega.

"Ġlieda ġo fik tkun, anke jekk taf li murtal jistà jċemplek" qalli Mario Enriquez, bin Nerik.

Mario hu l-eredi tal-bravura u s-sengħa antika tal-piroteknika Għaxqija li kienet ta' missieru. Tħares lejn Mario tara ħafna minn wiċċ u l-figura ta' Nerik. Mario wiret l-istess imħabba lejn in-Nar, wiret l-istess moħħ jaf jistudja u jifhem n-Nar mingħajr qatt ma studja kimika. Idejh bħal programmati jaħdmu l-beraq.

Mario internalizza ħafna mit-tagħlim ta' missieru. Missieru kien jgħidlu aħjar tagħmel erbgħa murtali milli sitta, u l-kawtela ta' Nerik baqgħet f'moħħ Mario. Mario bħal missieru għandu mhux biss venerazzjoni lejn in-Nar iżda wkoll rispett. Ma jieħux riskji, u dik tagħlima ħajja ġo fih.



Nerik m'ibnu Mario

F'ċertu siekta waqt li qed nitkellmu fuq missieru, Mario qalli "Kien jgħidli tagħllem it-tempijiet". Skont Mario t-tempijiet kollox f'murtal, u hu baqa' b'dik il-lezzjoni ġo moħħu. Dawk kliem missieru għadhom jidwu fih bħal eku tal-passat, u f'dawk il-kliem bħal li kieku hu jsieb risposti għal ħajtu. Wara kollox l-attenzjoni għat-tempijiet tal-beraq, bħall-attenzjoni għat-tempijiet tal-ħajja.

Mario mera ta' missieru fejn tidħol il-kburija lejn is-sengħa tan-Nar. Mhix dik il-kburija ta' min jrid il-foħrija iżda hi l-kburija bis-sengħa piroteknika u l-għerf li din issorr ġo fiha. Kollox bħal mibni fuq bżulija.

Hemm l-imħabba lejn Ħal Għaxaq simili għal missieru. Mario jiftakar żmien meta missieru flimkien ma' Żeppi ta' Baskalina kienu jaħdmu n-nar għal Santa Marija tal-Imqabba, San Bastjan ta' Ħal Qormi u għal Santa Katarina taż-Żejtun bħala mezz kif jagħmlu l-fondi għall-Festa Titulari tar-Raħal. Kien żmien meta dawn il-postijiet kienu jduru fuq il-Kamra tan-Nar tal-Istilla.

Mario tkellem fit-tul fuq l-immaġini ta' missieru jagħti fuq il-mergħies, jħallat, jaħdem il-vajjiena u dik it-tbatija li hi parti intrinsika minn din is-sengħa antika. Id-diskors fuq is-sengħa ġabet magħha memorji u list ta' nies li ħadmu qattiegħ ma' missieru Nerik: Ġorġ il-Laqqusa, Matti, Toni ta' Matti, il-Ġinġer, Duminku ta' Xandrina, Mikiel ta' Żaka, Grima x-Xiħ, Rożu l-Pajj... Kollha rġiel tal-kelma, dilettanti mġienen fuq is-sengħa tan-Nar.



Ġuvintur Speranza Stilliera wara l-ħruxija tat-Tieni Gwerra Dinija

Lista ta' nies li bnew il-fortifikazzjonijiet tas-Soċjetà, f'silenzju u ħidma sinċiera. U Mario jitbissem huwa wkoll għax jiftakarhom jinġabru kollha fil-bitħa ta' Mosè Agius wara d-dħul tal-vara għall-famuża ikla fenek għall-grupp tan-nar. Kienet tkun ċelebrazzjoni bejn ħbieb wara sena ħidma, mument ta' kuntentizza wara l-qtugħ il-qalb li jġib miegħu n-nar.



L-ikla tan-Nar fi tmiem il-Festa

Il-vjaġġ nostalġiku fil-memorji sbieħ bħal donnu ma jisfarux bħar-ritratti li ħarġet Rita biex jakkumpanjaw dan l-artiklu. Xeni donnhom misruqa minn film. Ġanna li ġiet Ħal Għaxaq minn Ħal Qormi biex tara lil zijitha qabel temigra lejn l-Awtralja. Inzertat lemħet lil Nerik tagħha quddiem il-Każin.

Sitt xhur namur u Nerik ma xtaqtx jistennew. Tejjġu ta' tmintax. Kien l-10 ta' Jannar, 1955. Jitwieldu erbgħa t'itfal, Marija, Rita, Tereża u Mario.

Il-memorji mixgħula xemx tal-ġiri fil-post tan-nar l-antik. Ir-riħa ta' kolla ta' tqiq. Il-ħoss tal-mgħeries li jibnu l-muskulatura tal-"veru ħadma tan-nar". Il-kamra fejn kien jaħdem Nerik, miksija stampi ta' boxers mwaħħla bil-kolla mal-ħajt. Il-gallinari ta' Nerik fil-bitħa. Il-fwieħa tal-kafè iswed ibaqbaq fuq trepied fuq il-ħatab ta' Spiru Paxxieku. Marija bin-notebook ma' Nerik fuq il-bejt, jieħdu nota ta' kemm murtali u murtaletti jirnexxew fil-festa ta' San Ġużepp. Il-Banda u l-bandalori tad-damask għattrofew ta' Feliċ Gatt. Is-Sala kollha disinni tal-ġir tal-Każin l-antik. Ir-Riħa tal-ħruq tal-kaxxa tal-Ħruġ.

Imbagħad eżatt bħal storja ta' film biċ-ċaħda ta' tmiem sabiħ...

Neriku jirtiera bil-pensjoni. "Issa hemm isfel biss nintefa'", kien qal lil martu Ġanna. Qatt ma kien daħal sptar. "Lanqas biss girfa bin-nar", lissnet Rita. Testijiet urew kanċer mifrux fl-istonku. Neriku qatt ma kien qal li qed iħossu muġugħ, bħal li kieku anke fuq hekk baqa' sieket. Il-marda kien żammha u ġarrha fis-silenzju. Fis-silenzju, eżatt kif kien terraq trejqet il-post tan-Nar u kif bla hedda ħadem biss għall-Glorja ta' Santa Marija.



L-aħħar tislima mis-Soċjetà ta' qalbu

Ħalliena ta' biss 62 sena, dakinhar ta' 29 ta' Marzu, 1996. Ma kellux jaqta' xewqtu li jaħdem aktar għall-Festa fi xjuħitu.

L-Għaqda Mużikali Santa Marija takkumpanja flimkien mal-Banda tagħha mixja wara l-istendart tal-prima b'viżtu solenni, bħala ġest ta' rispett u ġieħ lejn dan binha maħbub.



Il-Korteo akkumpanjat mill-Banda Santa Marija

Jibqa' l-kaxxetta bl-irċevuti tan-nar u l-kitbiet tiegħu li Rita żżomm bħal donna l-arkivista ta' missierha, fejn għaliha dawk l-akbar teżor. Tibqa' Marija li tifhem daqs ċorma esperti jekk murtall irnexxiex jew le. Jibqa' Mario, il-werriet tas-sengħa u l-arti. Għad hemm Ġanna taħt l-umbrellun tal-awrikarja; titbissem bl-istorja ta' kif iltaqgħet ma' Nerik quddiem il-Każin biex qatt ma reġgħet ħarġet minn Ħal Għaxaq.

Tibqa' dik il-weġgħa f'għajnejhom xħin staqsejt fuq missierhom, li tilfuh qasir il-għomor.

Tibqa' l-imħabba li ma tmut qatt. Imħabba lejn l-għażiż Nerik tagħhom.

L-istess maħbub Nerik tagħna.

Is-sena d-dieħla, Nerik jagħlaq eżattament 20 sena mejjet.


# Spick 'n' Span

*Come and Visit Us!* **Parking is not a problem.**

• With UNBEATABLE PRICES
• Discount BONUS CARD given
• Free DELIVERY!!!!!!!
Bigger Shop • Fresh milk and bread every day • very good service
Tqattieħ ta' perżut u ġobon

**Agent of all spirits & weekly offers**

**Detergent Shop**

Triq Vjal it-Torri, Gudja. Mob:9987 6992

